MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 451/2005

George Falzon li qed jidher f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' huh assenti Pawlu Falzon, Gejtu Falzon, Guseppi Falzon u Anthony Falzon
vs
Maria Falzon u Carmela Falzon

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha eccepew:

Illi omm il-partijiet, Maria Falzon nee` Vella, mietet fis-16 ta' Awissu 2002 filwaqt li missierhom Lorenzo Falzon miet fl-1 ta' April 1989.

Illi in forza ta' testment unica charta in atti Nutar Dottor Mario Bugeja tas-16 ta' Ottubru 1988, l-imsemmija konjugi Falzon hallew b'eredi universali taghhom lill-partijiet kollha.

Illi l-istanti zewg noti ipprezentati quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) irrinunzjaw ghas-successjoni ta’ ommhom u irriservaw id-dritt li jezigu l-legittima lilhom spettanti skond il-ligi.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta’ omm il-partijiet u konsegwentement tillikwida l-legittima spettanti lill-atturi mill-wirt ta’ ommhom.
2. Tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-atturi l-legittima hekk likwidata.
3. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-16 ta’ Awissu 2002 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat il-kopja tat-testment unica charta, in-nota ta’ rinunzja tal-wirt 21 ta’ Frar 2005 u n-nota ta’ rinunzja tal-wirt tal-21 ta’ Marzu 2005.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi primarjament, l-intempestivita` ta’ l-azzjoni stante li fl-ebda hin jew waqt ma l-atturi talbu s-sehem spettanti lilhom bhala legittima;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rinunzja ghal wirt sollevata mill-atturi ma saritx fit-terminu stabbilit mill-Kodici Civili;

3. Illi l-konvenuta Maria Falzon issostni li l-legat lilha hekk imholli bit-testment tal-gentituri taghha hu wiehed remuneratorju ghal servigi rezi, u dan kif jigi espost ahjar fil-kontro-talba formanti parti minn din l-azzjoni (u b’digriet tas-6 ta’ Marzu 2006 il-kliem minn “u

dan” sa “din l-azzjoni” gie kancellat) u b’hekk u f’kull kaz ma jilledix id-drittijiet ta’ l-atturi;

4. Illi finalment, il-konvenuti, li kieku gew mitluba, ma kienu qatt ser jirrifjutaw milli jersqu ghal-likwidazzjoni tal-legittima voluta mill-atturi u b’hekk ma ghandhomx ibatu l-ispejjes inutili.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta’ George Falzon fejn cahad dak li qed jallegaw il-konvenuti li hu u l-atturi l-ohra accettaw il-wirt ta’ ommhom. Madwar tliet xhur wara li mietet ommu kienu ltaqghu l-partijiet kollha hlief Pawlu ta’ l-Awstralja, ghand in-Nutar Bugeja sabiex jinqralhom it-testment. Meta hu qrah spjega lill-atturi li skond it-testment ma kienu ser jircievu xejn u li ghalhekk setghu jitolbu l-legittima. Huma kellhom f’idejhom stima tal-post maghmula minn perit. Ippruvaw jikkalkulaw kemm kienet tammonta l-legittima u skond in-Nutar irrizultaw li kull wiehed minnhom imissu Lm4,000. Meta Maria semghet dan id-diskors qalet li l-bank kien hemm Lm8000 u ma kienx bi hsiebha tohrog aktar flus. Kien kellem lill-avukatessa Grima li kienet tatu parir biex ma jaccettax il-wirt. Ipprova jkellem lil Maria Falzon bil-kelma t-tajba biex ma jidhlux il-Qorti u kullhadd ikollu sehem mill-post 17, St. Mary Square, Zurrieq, u saru hafna laqghat, izda ohtu Maria ma riditx ticcaqlaq. Saret laqgha ghand in-Nutar Bugeja. Ghalhekk irrinunzjaw ghall-wirt u irriservaw il-legittima wara li kellmu lil Dr. Robert Mangion.

Xehed George Falzon u qal li l-genituri tieghu ma hallew xejn hlief id-dar fis-sens ta' immobbli. Bhala mobbli kien hemm arlogg sabih tal-bozza, u gradenza antika, u vetrina, ghax il-bqija ta' l-oggetti bla valur. Qal li jiftakar li darba minnhom kien mar id-dar ta' ommu u kienet hargitu fil-gardina u minn hemmhekk, minn taht il-gebel li kien hemm fil-bitha kienet qaltlu biex johrog xi fliexken li kien fihom hafna flus. Fil-fatt il-flus kienu skaduti u kien qalilha li riedu jmorru s-*Central Bank* biex jibdluhom, kif fil-fatt kienu ghamlu hu u ohtu. Flus kien hemm xi Lm7,000. Qal li kienu iddepozitaw Lm7,000 kif ukoll Lm600 ohra maghhom gol-Bank of Valletta taz-Zurrieq. Dan kien xi 4 snin qabel. Gie mfakkar li ommu mietet fis-16 ta' Awwissu 2002 u li ghalhekk dan kien xi sena qabel ma mietet. Il-bank kienu hu, ommu u ohtu Maria. Minn min infetah il-kont hu ma kienx jafx. Mistoqsi jekk il-bank tahx xi ricevuta jew xi karta ohra qal li ma jafx. Jahseb xi flus ohra d-dar kien hemm pero` ma setax jghid b'certezza. Ic-cavetta tal-post waqghet f'idejn ohtu meta mietet ommhom. Qal illi ohtu kienet tghix ma' ommu sal-ahhar. Ohtu biss ghandha cavetta tad-dar. Kellhom fiz-zmien, izda mbaghad meta nqala' n-nuqqas ta' ftehim ma baqax ikollhom.

Sostna li dawk il-flus mhux taghha kienu izda ta' missieru ghax hi lanqas biss kienet taf bihom u parti mir-raguni ta' dan qal illi ommu darba kienet xtaqet tixtri post iz-Zurrieq u ma kellhiex flus u wara kienet qaltlu li kieku kienet taf b'dawk il-flus kienet tixtrih. Saret taf bil-flus meta qalilha missieru, u lil ommu qatt ma talbuha flus wara li miet missieru.

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Falzon fejn semma li qara l-affidavit ta' George Falzon u iddikjara li jaqbel mal-kontenut tieghu.

Rat l-affidavit ta' Gaetano Falzon fejn semma li qara l-affidavit ta' George Falzon u iddikjara li jaqbel mal-kontenut tieghu.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Falzon fejn semma li qara l-affidavit ta' George Falzon u iddikjara li jaqbel mal-kontenut tieghu.

Xehed in-Nutar Mario Bugeja li qal li wara li mietet omm il-partijiet kienu ltaqghu fl-ufficcju tieghu l-ahwa kollha biex jippruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni. Gie muri t-testment a fol 5 tal-process u qal li lix-xebba Maria Falzon b'dan it-testment kien thallielha post b'legat u gew nominati bhala eredi l-ahwa kollha flimkien. Xtaqu li jiehdu sehemhom mill-proprjeta`. Meta qralhom it-testment is-subien insistew max-xebba, Maria, li ghall-inqas jiehdu l-legittima. Maria qaltilhom li ma setghetx, izda huma kienu qalulha li huma ma riedux ikeccuha mid-dar. Ghamlulha proprosta li jsir kuntratt li bih semhom jibqa' jintiret u li hi setghet tibqa' tghix hemmhekk sakemm tigi nieqsa, izda hi qatt ma riedet tikkommetti ruhha ghal xejn. Is-subien xtaqu li sehemhom ma jintilifx izda jibqa' hemm. Hi qalet li hadet hsieb hafna ta' ommha u ma accettatx il-proposta. L-interess tas-subien kien li jigi salvagwardjat sehemhom. Huma xtaqu li kieku l-post jibqa' jinqasam bejn kulhadd indaqs, u l-proposta tal-legittima, hi min-naha taghha dejjem qalet li ma kenitx taf u ser tiehu parir fuqha.

Xehed Joe Borg Cardona *manager* tal-*legal office* fil-Bank of Valletta. Qal li hu ghamel ricerka tal-kontijiet ta' Maria Falzon, fil-kontijiet tas-snin 1998 sa 2002 li nfethu f'dak il-perjodu. Esebixxa tliet rendikonti ta' kontijiet ta' Miss Mary Falzon *ID No* 76041. Qal li kont minnhom, Dok BC2, kien infetah fil-25 ta Marzu 1997 u kien sar depozitu ta' Lm6,910. Fuq Maria Falzon l-ohra ma sab xejn.

Semma li fuq depositu ta' Lm6,910 li sar fil-25 ta' Marzu 1997 kellu jara jekk kienx hemm xi *opening of account form*. Min-naha taghhom ir-*retention period* tad-*deposit slips* huwa ta' hames snin jigifieri ma kellux mod kif setghu jaraw jekk kienux dawn *b'cheque* jew kontanti, ma kellhom xejn hlief l-*istatement* prezentat li juri li kien sar id-*deposit*, pero` ma tohrogx jekk kienx permezz ta' *cheque* jew *cash*. Kull ma hemm id-data tal-25 ta' Marzu, *deposit* u l-ammont, ezatt kif kien indikat fit-tahrika. Spjega wkoll li kien ikun hemm ukoll *daily sheets* li fihom kien jitnizzel

kollox pero` effettivament dan ir-*retention period* huwa ta' hames snin u dawn ukoll spiccaw.

Xehed Publius Debattista li jahdem mal-Bank Centrali bhala *Deputy Manager Currency Issue Office* u li fl-2001, 2002 kien jahdem hemmhekk. Il-procedura ta' meta bniedem kien isib flus qodma u jmur is-*Central Bank* hija li meta l-Bank Centrali kien habbar li dawn il-flus gew demonetizzati, per ezempju l-flus li kellhom ir-ritratt ta' l-ex President Agata Barbara, jinghataw ghaxar snin zmien sabiex jissarrfu fil-Bank Centrali. Sa nofs l-2002 kienu jmorru *in currency issue office*, u min-nofs l-iehor ta' l-2002 bdew imorru l-*Banking Office* imma dejjem il-Bank Centrali. Issa hu mill-1997 sa issa kien u ghadu fil-*Currency Issue Office*, jigifieri jafha sew il-procedura. Il-persuna tiehu l-flus il-qodma l-Bank Centrali, u jekk l-ammont ikun taht il-Lm100 jibdluhomlu *cash* u jekk ikun fuq il-Lm100 johorgulu *cheque*, bil-flus ta' issa. Qal li dan kollu jigi registrat, jekk ikun taht il-Lm100 ma' jinzammux *records*, seplicement jitbiddlu waqt li fuq il-Lm100 jinzammu *records*. Qal ghalhekk li f'kaz ta' Lm7,000 qodma, jigu mehudin bid-dettalji tal-persuna li tkun tathomlhom. Din hi l-informazzjoni fid-dipartiment taghhom. Il-*history* ghadhom jinstabu hemmhekk. Mistoqsi specifikament dwar George Falzon *Id Card* 400032 qal li kemm dwar dak l-isem u kemm ukoll dwar dak l-*Id Card*, wara li fittixu ma sabu xejn. Huma fittxu fis-snin 1998 sa l-2002, mill-ewwel ta' Jannar sa l-ahhar tas-sena dejjem, u qatt ma sabu li gew imsarrfin flus demonetizzati ta' dak l-ammont, minn din il-persuna msemmija, George Falzon Id 400032. Fittxew kemm bl-isem u kemm bl-ammont u ghalhekk kwalunkwe ammont li jaqbez il-Lm100 li kien ikun f'isem George Falzon kieku kien isibu. Ma sabu qatt *record* tieghu. Qal illi huma c-*cheque* johorguh fuq min fizikament jipprezenta l-*Id Card*.

Rat l-affidavit ta' Maria Falzon fejn issemma li hi qatt ma rceviet atti gudizzjarji fejn hutha talbuha li jiehdu s-sehem spettanti lilhom mil-legittima. Hi baqghet xebba sabiex tkun tista' tghin fid-dar u tiehu hsieb il-genituri taghha. Hi ma kenitx tohrog u qatt ma setghet tfittex xoghol. Kienet taghmel dak kollu li kien hemm bzonn fid-dar. Hutha s-

subien ma kienux jaghtuha hafna ghajnuna. Peress li hi ma kenitx tohrog il-pensjoni taghha ma kenitx tonfoqha u jekk kienet tircievi xi rigali kienet thallihom id-dar. Ma kenitx toqghod tiehu nota ta' dak li kienet iddahhal. Iccarat li kwalunkwe flus li kien hemm fid-dar kienu taghha. In-Nutar Bugeja kien taha parir li ddawwar dawn il-flus f'isimha la kienu taghha u hi hekk ghamlet. Il-genituri taghha kienu weghduha li ta dak li kienet taghmel maghhom kienu ser jiktbulha d-dar kif ukoll dak li kien go fiha bhala ringrazzjament.

Gie prezentat affidavit ta' Carmela Falzon fejn issemma li hi tiftakar li Maria kienet dejjem tghin lill-genituri taghhom, anke meta kienet zghira. Kienet iddur bil-genituri taghhom u anke b'huthom sa dak iz-zmien li kienu ghadhom ma zzewgux. Qalet li Marija ma kenitx tohrog u kienet tibza' ghall-flus taghha. Il-genituri taghhom dejjem tiftakarhom jghidu li bhala ringrazzjament kienu se jhallu d-dar u kull ma kien fiha lil Maria u hi qat ma opponiet ghax dejjem hasbet li Marija kien haqqha ta' dak li ghamlet mal-genituri taghhom.

Rat id-digriet tas-6 ta' Marzu, 2006 li bih il-Perit Godwin Abela gie nominat bhala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-AIC Godwin P. Abela fejn issemma:
"DESKRIZZJONI W VALUTAZZJONI TA' L-IMMOBBLI
L-esponent jissottometti bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti s-segwenti deskrizzjoni u valutazzoni tal-fond in kwistjoni wara li ha in konsiderazzjoni kull aspett li jirrifletti l-valur ta' l-imsemmija proprjeta` inkluz il-lokazzjoni tal-fond, il-kundizzjoni u pizijiet ohrajn.

**Nru. 17 St. Mary's Square, Zurrieq.**

Il-fond hu terran f'misrah tal-kejl ta' cirka 195 metri kwadri li l-parti l-kbira tieghu jinsab fiz-zona ta' zvilupp kif indikat bil-kulur isfar fil-pjanta annessa immarkata A. Il-fond jista' jigi zviluppat skond il-kriterji applikabbli ghal din iz-zona li prezentament jippermettu zvilupp sa tliet sulari gholi.
Il-fond ezistenti ghandu faccata zghira, ta' circa zewg metri, fuq it-triq fl-ewwel sular peress li l-garaxx adjacenti

ma jifformax parti mill-proprjeta` in kwistjoni, pero` l-arja ta' fuq il-garaxx tappartjeni ghall-istess proprjeta` in kwistjoni. Il-fond jikkonsisti f'entrata, tarag, kuritur, kamra tal-banju, kamra tas-sodda w kamra ohra w bitha interna bi tliet kmamar adjacenti w bitha ohra fuq wara, mil-liema bitha hemm access ghal zewgt ikmamar kif ukoll bieb ghall-gardina fuq wara nett. Wahda mill-kmamar fil-bitha ghandha s-saqaf ikkundannat. Tarag jaghti ghall-bejt u kamra zghira.
Il-fond hu wiehed antik mibni bix-xorok u travi ta' l-injam u, avolja fi stat tajjeb, mhux ta' *habitable standard* kif rikjest fiz-zminijiet prezenti.
Il-fond hu liberu w frank minghajr pizijiet.
<u>Valutazzjoni – Lm85,000 (hamsa w tmenin elf liri Maltin)</u>

DESKRIZZJONI W VALUTAZZJONI TAL-MOBBLI
L-esponent jissottometti l-valur tal-mobbli segwenti lilu indikati mill-partijiet waqt l-access:
Vetrina b'zewg kxaxen maghmula minn injam ta' l-ahmar u mizbugha, valur – Lm50 (hamsin liri Maltin).
Kredenza tal-qastan b'zewg kxaxen zghar fuq u tlett ikxaxen kbar isfel, bil-wicc originali ta' l-irham, valur – Lm350 (tlett mija w hamsin liri Maltin).
Par vasuni tal-fjuri f'kontenituri tal-hgieg, valur – Lm50 (hamsin liri Maltin).
Arlogg skulturat, indurat bid-deheb u l-fidda, f'kontenitur tal-hgieg, valur – Lm 150

<u>Valur totali tal-mobbli – Lm 600 (sitt mitt liri Maltin)</u>."

Xehed <u>il-Perit Godwin Abela</u> li meta qies il-valur tal-proprjeta` immobbli l-aktar fattu rimportanti huwa l-potenzjal ta' zvilupp fis-sit, ghax qieghedha f'zona ta' zvilupp. Hemm restrizzjoni fuq kif jista' jigi zviluppat l-ewwel sular. Peress li l-bini hu antik kien aktar importanti l-valur u l-potenzjal` tas-sit. L-ewwel sular jista' jintuza biss bhala *entry point* u jista' jigi zviluppat wara t-terran pero` t-tieni sular jista' jigi zviluppat is-sit kollu. Ha in kosiderazzjoni wkoll il-fatt li l-*ground floor* ma jistax isir bini. Fuq wara hemm gardina kbira. Il-linja l-hamra turi l-*extent* ta' l-izvilupp li jista' jsir u hemmhekk mhux *conservation area* u allura qed isir kollu bini gdid. Hu qal li

hemmhekk ra bini ta’ tliet sulari gholi. Dak iz-zmien kien ghadu ma giex finalizzat il-*local plan*.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Preliminari:***

Rat il-verbal tas-6 ta’ Marzu, 2006 minn fejn jirrizulta li Dr. Joseph Sammut irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Rat il-verbal ta’ l-24 ta’ Ottubru 2009 fejn Dr. Sammut irrefera ghall-kawza 572/06FS u talab li l-ewwel tigi deciza dik il-kawza minhabba li l-mertu jimpingi fuq il-kawza odjerna, u li wara li Dr. Mangion oppona ghat-talba, il-Qorti irriservat li tipprovdi wara li jsir rikors appozitu. Fil-fatt din il-kawza giet deciza b’sentenza tat-13 ta’ Frar 2007.

Rat permezz tan-nota ta’ Dr. Mangion tas-27 ta’ Ottubru 2008 li l-atturi odjerni intavolaw *appello del terzo* fil-kawza 572/06FS. Rat ukoll ir-rikors ta’ l-appell anness mal-imsemmija nota. Il-Qorti certament mhux ser tidhol fil-mertu ta’ dik il-kwistjoni, izda taghmilha cara li hi fil-kawza l-ohra iddecidiet fuq l-atti li kellha quddiemha, a bazi tal-principju *quod non est in actis non est in mundo*.

### ***D2. Il-legat favur Maria Falzon wiehed remuneratorju:***

It-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija dik li l-legat imholli favur Maria Falzon bit-testment tal-genituri taghha kien wiehed remuneratorju ghal servigi rezi u b’hekk f’kull kaz ma jilledi xi drittijiet ta’ l-atturi.

Din il-Qorti qieghedha fil-pozizzjoni skomda li trid tiddeciedi fuq din il-kawza meta hi iddecidiet kawza ohra konnessa, izda mhux bejn l-istess partijiet. Il-Qorti tirreferi ghall-Kap 12 artikolu 237 li jispecifika li:
**“237.** Is-sentenza ma tista’ tkun qatt ta’ ]sara g]al min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta’ l-awturi jew ta’ rappre\entant le[ittimu tieg]u, ma jkunx parti fil-kaw\a maqtug]a b’dik is-sentenza.”

Kien jinkombi fil-kawza odjerna li Maria Falzon tipprova li l-legat gie mholli bhala remunerazzjoni ghas-servigi rezi. Issa, is-sentenza tal-kawza 572/06 ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni fl-atti prezenti u dan minhabba l-fatt li ma kienux il-partijiet kollha fl-istess kawza.  Infatti skond l-istess artikolu 237 dik is-sentenza ma tistax tkun ta' effett kontra l-atturi odjerni li ma kienux parti f'dik il-kawza.  Il-Qorti tirrileva li mill-atti processwali odjerni l-Qorti taf biss dwar dik is-sentenza min-nota tar-rikors ta' appell ta' Dr. Mangion ghax l-imsemmija sentenza anqas tinstab kopja taghha fil-process odjern (ghalkemm naturalment il-Qorti taf biha ghax kienet hi kif presjeduta li ippronunzjata).

Izda l-istess Maria Falzon xehdet permezz ta' affidavit dwar is-servigi minnha rezi lill-ged-genituri taghha.  Dan gie konfermat ukoll minn ohtha Carmela Falzon, u b'ebda mod kuntrarjat mill-atturi.  Il-Qorti tinsab konvinta li veru kien hemm dawn is-servigi u dawn kienu rezi bl-aspettattiva tal-kumpens, ghax infatti jidher li l-genituri tal-konvenuta Maria Falzon kienu infurmawha li sejrin jiehdu hsiebha ta' dak li qed taghmel maghhom.

Meta jkunu rezi servigi, anke jekk minn parenti, il-prezunzjoni llum il-gurnata hi li dawn ghandhom jitqiesu ipprestati b'tama ta' kumpens.  Fil-kawza **Mary Grace Attard et vs Rosario Attard**, Appell Superjuri Civili, 13 ta' Ottubru 1989 - LXXIII-II-39, intqal:
"Illi rigward il-kwistjoni ta' servigi rezi l-pozizzjoni skond il-gurisprudenza recenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li 'kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti pprestati bi speranza ta' kumpens'. Biex taqa' din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`.  L-intenzjoni tal-gratuwita` u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi ma ghandhomx jigu akkolti facilment" (ara **Giuseppe Deidun vs Emilia Poggi**, Vol. XXXVIII.II. Pg 568).

Fl-istess linja hija l-kawza **Giorgia Caruana vs Marianna Abela**, Prim'Awla, Imhallef Gauci Maistre, 14 ta' Jannar 1965, XLIXD-664; u **Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi**, 24 ta' Mejju 1989, Qorti ta' l-Appell Superjuri

Civili, u diversi sentenzi ohra li kienu bidlu l-kuncett antik li servigi bejn parenti u affini ghandhom jitqiesu li gew prestati *pietatis vel familaritatis causa*. Ara f'dak is-sens **Esther Farrugia et vs Nutar Dr. Carmelo Farrugia**, 14 ta' Frar 1938, Vol XXXA-I-47 fejn ukoll il-Qorti ta' l-Appell kienet ibbazat li ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti sakemm ma jkunx jidher car ftehim iehor (ara wkoll **Tabib Dr. Mifsud Speranza vs Nutar Frendo Randon noe**, 15 ta' Gunju 1942, XXXIA-I-227). Biex taqa' din il-presunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw b'mod konklussiv il-gratuwita`.

Fil-kaz in ezami l-Qorti qed tqis ippruvati dawn is-servigi u mhux b'mod gratuwitu u qed taghtihom valur ta' €20,000.

***D3. Assi ereditarju ta' omm il-partijiet:***

Jinghad li proprjament matul il-kors tal-kawza ma saritx prova dwar il-provenjenza ta' l-immobbli, izda l-Qorti sejra tassumi li d-dar 17, St. Mary Square, Zurrieq, li giet stmata Lm85,000 u l-mobbli li gew stmati Lm600 kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u li ghalhekk is-sehem ta' Maria Falzon nee` Vella kien ta' Lm42,800. Fit-talbiet attrici t-talba hija ghal-likwidazzjoni ta' l-assi ta' omm il-partijiet u ghalhekk din il-Qorti qed tillikwida l-assi ta' Maria Falzon nee` Vella fl-ammont ta' Lm42,800.

***D4. Legittima:***

Ma hemm ebda raguni ghaliex il-partijiet f'din il-kawza ma jitqiesux li ghandhom id-dritt taghhom ghal-legittima. Dan id-dritt irid jitqies fid-dawl tal-provvedimenti tal-Kodici Civili qabel ma gew introdotti l-emendi ta' l-Att XVIII ta' l-2004. Infatti l-emendi gew rezi applikabbli biss dwar successjonijiet li sehhew wara li l-imsemmija artikoli gew fis-sehh u dan kif provvdut fl-artikolu 116 ta' l-Att XVIII. Fil-kaz in ezami s-successjoni kemm ta' l-omm kif ukoll tal-missier sehhew wara l-promulgazzjoni ta' l-Att XVIII ta' l-2004. Il-legittima kienet sehem dovut lid-dixxendenti, li ma setax jigi mnehhi sakemm mhux ghal ragunijiet specifikati. F'dan il-kaz il-legittima bejn is-seba' ahwa jammonta ghal nofs, ossija ghal parti minn erbatax ghal kull wiehed u wahda mill-ulied.

Issa irrizulta li l-assi ta' Maria Falzon nee` Vella kif likwidat hawn fuq jammonta ghal Lm42,800, ekwivalenti ghal €99,697.18, li minnu jridu jitnaqqasu l-ammont dovut ghas-servigi ta' l-omm li huwa €20,000 u ghalhekk jigi €79,697.18, u sehem ta' parti minn erbatax huwa €5692.65, u dan huwa l-ammont li jrid jitqies bhala l-legittima spettanti lil kull attur mill-wirt ta' ommu.

Dan l-ammont (€5692.65 lil kull wiehed mill-atturi), a tenur tat-tieni talba, irid jigi mhallas mill-konvenuta Maria Falzon.

Dwar it-tielet talba ta' nomina ta' nutar, mhux il-kaz stante li huma qed jitolbu l-legittima u mhux id-divizjoni tal-post *de quo*.

Ir-raba' eccezzjoni hija biss dwar l-ispejjez li fil-fehma tal-konvenuti kienu inutili minhabba li jikkontendu li kieku gew mitluba ma kienux ser jirrifjutaw jaslu ghal-likwidazzjoni. Huwa ovvju li saru diversi tentattivi izda dawn inutilment.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, wara li gew irtirati l-ewwel zewg eccezzjonijiet, wara li l-Qorti laqghet l-eccezzjoni dwar il-legat izda dejjem bl-obbligu tal-hlas ghal-legittima kif fuq spjegat, tillikwida kif fuq imsemmi l-assi ereditarju ta' omm il-partijiet fl-ammont ta' Lm42,800 b'mod li l-legittima spettanti lil kull wiehed mill-atturi tammonta ghal €5692.65 u tikkundanna lill-konvenuta Maria Falzon thallas din il-legittima.

Spejjez 1/7 kull wahda mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------